MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 169/2003

**GasanMamo Insurance
Agency Limited nomine**

**vs**

**Carmvic Buontempo personalment
u
CVB Services Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu s-somma ta’ erbat elef, erba’ mija u sitta u erbghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu, (LM4,446.41,0), rapprezentanti “premia” ghal diversi assigurazzjonijiet mahruga mill-attur ghall-beneficcju tal-klijenti tal-konvenut li agixxa bhala *sub-agent* tal-attur u li ma gewx imhallsa lill-istess attur;**

**2. Bl-ispejjez u bl-interessi mill-1 ta’ Awissu tas-sena 2002 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta’ l-attur nomine datata l-5 ta’ Novembru tas-sena 2003 li permezz taghha irriduca t-talba originali tieghu ghall-erbat elef, mitejn u sitta u erbghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu, (LM4,246.41,0), stante pagament fil-mori tal-kawza ta’ mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0);**

**Rat in-nota tal-konvenuti, ukoll datata l-5 ta’ Novembru tas-sena 2003 li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici kif ridotti;**

**Rat ukoll id-dokument esebit ma’ l-istess nota tal-konvenuti fuq indikata;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji t-talbiet attrici kif ridotti, tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ erbat elef, mitejn u sitta u erbghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu, (LM4,246.41,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------